MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2014

Appell Civili Numru. 894/2006/1

**Rosalie Mifsud, Marie Mifsud u Josef Formosa Gauci**

**v.**

**Madre Provincjali u b’digriet tal-Qorti tal-1 ta’ Dicembru 2008,**

**Suor Doreen Cuschieri qed tassumi l-atti tal-kawza flok**

**Suor Maronna Farrugia fil-kwalita' taghha**

**bhala Madre Provincjali tas-sorijiet ta' Santa Dorotea**

**ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess**

**kif debitament awtorizzata**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors mahluf li l-atturi pprezentaw fit-3 ta' Ottubru, 2006,u li jaqra hekk:

> "1. Illi b'zewg testmenti sigrieti tal-mejjet Mons. Alfredo Mifsud tat-30 ta' Gunju 1920, u tal-10 ta' Dicembru 1920, gie dispost illi l-fond 4 u 5, Triq Santu Rokku, Mdina, thalla b'legat lill-intimati mid-decuius biex jistabbilixxu l-iskola taghhom a beneficcju tal-Belt tal-Imdina.
>
> "2. Illi t-testment fuq imsemmi gie ddikjarat apert mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Jannar 1921, fl-atti tan-Nutar Francesco Catania u li kopja taghhom qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument RM1 u RM2.
>
> "3. Illi l-eredi, skond it-testment tal-mejjet Mons. Alfredo Mifsud kien in-nannu patern tar-rikorrenti ossia d-Dottor in Medicina Enrico Mifsud li miet fl-20 ta' Marzu 1929, intestat u gie succedut fit-titolu mill-unici zewg uliedu ossia, il-Professur Victor Mifsud u ohtu Mary Fortunata mart Amabile Pace.
>
> "4. Illi l-imsemmija Mary Fortunata, armla minn Amabile Pace mietet fit-18 ta' Gunju 1976, u bit-testment sigriet taghha tal-4 ta' Frar 1970, ippubblikat fil-21 ta' Lulju 1976, min-Nutar Paul Pullicino, innominat bhala eredi taghha lit-tlitt neputijiet taghha Rosalie Mifsud, Marie Mifsud u Elise mart il-Maggur Peter Paul Formosa Gauci.

“5. Illi l-imsemmi Prof. Victor Mifsud miet fl-4 ta’ Novembru 1964, u l-eredita’ tieghu ddevolvit fuq it-tlitt uliedu, ir-rikorrenti Rosalie Mifsud, Marie Mifsud u l-mejta Elise armla minn Maggur Peter Paul Formosa Gauci.

“6. Illi l-imsemmija Elise Formosa Gauci mietet fis-26 ta’ Settembru 2004, u l-eredita’ taghha ddevolvit skond it-testment sigriet taghha tal-11 ta’ Awissu 1983, ippubblikat fis-6 ta’ Jannar 2005, min-Nutar Tonio Spiteri fejn innominat bhala eredi taghha lil unika binha Josef Formosa Gauci.

“7. Illi ghalhekk, ir-rikorrenti odjerni huma l-eredi u possessuri attwali tal-eredita’ tal-mejjet Mons. Alfredo Mifsud.

“8. Illi skond l-ewwel testment ta’ Mons. Alfredo Mifsud, il-legat mholli lill-intimati kien specifiku biex il-fond in kwistjoni jigi uzat **“e questo a scopo di stabbilirvi la loro scuola od istituto di educazione”** u dan kif jirrizulta mill-anness testment tieghu tat-30 ta’ Gunju 1920, hawn anness.

“9. Illi fl-10 ta’ Dicembru 1920, b’testment iehor sigriet li kopja tieghu hija ukoll hawn annessa, l-imsemmi Alfredo Mifsud ghamel testment iehor fejn iddikjara **“anzi tutto revoco qualsiasi altro testamento contenente dispozizzioni contrarie a quelle col presente ordinate e con esse non conformi”**.

“10. Illi huwa f’dan it-testment jerga’ jikkonferma il-legat imholli lill-intimat bl-iskop specifiku biex il-fond jigi uzat ghal skopijiet ta’ edukazzjoni u a beneficcju ta’ dik il-Belt tal-Imdina **“in legato lascio al istituto di Santa Dorotea stabbilito alla Notabile e per lui alla superiora di esso istituto il corpo di beni comprendente la casa di mia abitazione (Casa Mifsud) e l’attigua occupata dall’istituto tenuto da Mons. Decano Giuseppe DePiro (Casa Fortunata) in una a tutte i mezzanine e comodita’ dipendenti ed attigui allo stesso corpo di beni. E cio perche’ all’occorrenza trasferiscono quivi la loro scuola a beneficio di questa citta’ l’oggetto essendo di bene alla comunita’ Maltese e per l’educazione, si spera che il governo vorra’ esentare le suore dalla relattiva tassa di successione. Spera il testatore che vorranno le suore e l’istituto suffrugarlo con le loro orazioni**.

"11. Illi ricentement, ir-rikorrenti saru jafu illi l-intimati m'ghadhomx juzaw il-korp ta' beni imholli lilhom minn Monsinjur Alfredo Mifsud bhala skola u ghall-edukazzjoni u dan kontra id-dispost tat-testment tal-istess Monsinjur Alfredo Mifsud.

"12. B'ittra tal-1 ta' Jannar 1996, mibghuta mill-Provincjali Protempore ta' dak iz-zmien, li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala dokument RM3, is-sorijiet ta' Santa Dorotea iddikjaraw li kienu ghadhom qed juzaw il-fondi lilhom imhollija ghal skopijiet t'edukazzjoni.

"13. Illi minn dak iz-zmien lil hawn, huma bnew skola fil-limiti ta' Haz Zebbug u ttrasferew l-iskola ta' Santa Dorotea ghal bini gdid li huma ghandhom fl-imsemmi akkwati u m'ghadhomx juzaw il-fondi numru 4/5, Casa Mifsud u Casa Fortunata, Triq Santu Rokku, Mdina ghal skopijiet t'edukazzjoni.

"14. Illi l-fondi 4 u 5, Casa Mifsud u Casa Fortunata huma tista' tghid ghal kollox battala stante li hemm residenti xi sorijiet anzjani.

"15. Ili kif jirrizulta fl-20 ta' Lulju 1990, il-Kamra tar-Rapprezentanti approvat resoluzzjoni ghal hrug ta' permess tal-bini ghall-iskola hdejn Haz Zebbug barra mill-Building Development Boundaries kif stabbilit fil-Building Permits (Temporary Provision Act 1988) biex l-istess intimati jkunu jistghu jibnu skola u dan ghaliex l-iskola li huma kellhom fl-Imdina kienet zghira u ma setghatx tkompli sservi ghal skopijiet t'edukazzjoni.

"16. Illi mid-dibattiti parlamentari jirrizulta li l-Ministeru ghall-Izvilupp u Infrastruttura, il-Perit Michael Falzon, li kien qed jippilota l-ligi, ikkonferma illi f'kaz illi l-iskola tal-Imdina ma kinitx se tibqa' tigi uzata bhala tali, din l-istess skola kellha tirriveti lill-eredi tal-Mons. Alfred Mifsud.

"17. Illi r-rikorrenti talbu diversi drabi lill-intimati biex jizgumbraw mill-fondi 4 u 5, Casa Mifsud u Casa Fortunata, Triq Santu Rokku, Mdina, galadarba huma waqfu milli juzaw il-fond ghal skopijiet t'edukazzjoni u bhala skola u dan f'Settembru 1997. Minkejja diversi interpellazzjonijiet, anki b'ittra ufficjali tas-16 ta' Jannar 2006, huma baqghu inadempjenti.

"18. Illi ghalhekk kien jehtieg illi ssir din il-kawza biex jigi ddikjarat u deciz illi l-intimati ddekadew mil-legat imholli lilhom mill-mejjet Mons. Alfredo Mifsud, galadarba huma m'ghadhomx juzaw l-istess fondi ghall-iskopijiet t'edukazzjoni kif lilhom imholli bit-testmenti sigrieti tal-istess Mons. Alfredo Mifsud.

"Ghaldaqstant jghidu l-intimati prevja kwlsijasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

"(i) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati ossia s-sorijiet ta' Santa Dorotea ddekadew mil-legat imholli lilhom mill-mejjet Mons. Alfredo Mifsud, ossia mill-proprjeta' 4/5 Casa Mifsud u Casa Fortunata, Triq Santu Rokku, Mdina, stante li huma m'ghadhomx juzaw il-fond ghal skopijiet t'edukazzjoni u ttrasferew l-istitut edukattiv taghhom f'Haz Zebbug, Malta.

"(ii) Konsegwentement tiddikjara u tiddeciedi illi l-proprjeta' 4 / 5 Casa Mifsud u Casa Fortunata, Triq Santu Rokku, Mdina, hija proprjeta' assoluta tar-rikorrenti f'ishma ndaqs bejniethom u dan bhala l-aventi kawza u eredi tal-mejjet Mons. Alfredo Mifsud.

"(iii) Tordna lill-intimati jizgumbraw mill-fondi 4 / 5 Casa Mifsud u Casa Fortunata, Triq Santu Rokku, Mdina, fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom iffissat minn din il-Qorti.

"Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Jannar 2006, u bl-ingunzjoni tal-intimati ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta li in forza taghha eccepiet illi

"1. Illi l-esponenti nomine ma kisret l-ebda dispozizzjoni testamentarja. Il-legat imholli mill-Monsinjur Alfred Mifsud lill-esponenti nomine mhu soggett ghall-ebda kondizzjoni u lanqas jimponi xi obbligu. Dan bla pregudizzju ghall-fatt li t-testment ma jipprovdi ghall-ebda dekadenza.

"2. Bla pregudizzju u f'kull kaz ma tezisti l-ebda raguni ghalfejn il-Qorti ghandha tiddikjara li l-esponenti nomine tilfet il-jedd taghha ghal-legat. Dan apparti l-fatt li l-fond meritu tal-kawza ilu sa mis-sena 1921 jintuza bhala kunvent tas-sorijiet u sal-gurnata tal-lum ghadu jintuza ghall-edukazzjoni.

"3. Illi bla pregudizzju u f'kull kaz, l-azzjoni attrici hija preskritta ghat-tenur tal-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili (Kap. 16) u inoltre, l-esponenti dejjem gawdew il-proprjeta' *animo domini*.

"4. Illi l-pretenzjonijiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ma tezisti l-ebda frazi fuq liema ghandu jigi ddikjarat li l-esponenti tilfu l-legat imholli lilhom minn Mons. Alfredo Mifsud.

"Bl-ispejjez kontra l-atturi li huma minn issa ngunti in subizzjoni."

Rat is-sentenza li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Novembru, 2010, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta u lliberatha mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-atturi;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza, l-atturi qed jitolbu lura minghand is-sorijiet ta' Santa Dorotea l-proprjeta' lilhom imhollija mill-Monsinjur Mifsud ghar-raguni li m'ghadhomx juzaw il-fondi ghall-iskop t'edukazzjoni. Is-sorijiet konvenuti jirrispondu billi jghidu li l-legat ma kien marbut b'ebda kondizzjoni, u jekk kien, huma ma kissruhiex. Jeccepixxu ukoll il-preskrizzjoni a tenur tal-Art. 2143 tal-Kodici Civili.

“Il-Fatti

“Jirrizulta li l-atturi huma eredi attwali tal-Monsinjur Alfredo Mifsud. L-istess Monsinjur kien ghamel zewg testmenti sigrieti, wiehed fit-30 ta’ Gunju 1920 u iehor fl-10 ta’ Dicembru 1920. Permezz ta’ dawn it-testmenti, Monsinjur Mifsud halla b’titolu ta’ legat lis-Sorijiet ta’ Santa Dorotea l-fond Nru. 4 u Nru. 5, Triq Santu Rokku, Mdina. L-istess sorijiet ghadhom igawdu dawk il-fondi sal-lum, ghalkemm m’ghadhomx juzahom bhala skola fis-sens komuni tal-kelma, dan ghaliex mill-1997 ‘l hawn is-sorijiet bnew skola akbar f’Haz Zebbug u ttrasferew fiha l-attivita’ akkademika taghhom. Jirrizulta li fil-fondi 4 u 5, Triq Santu Rokku, Mdina, issa hemm jghixu numru ta’ sorijiet. Isiru fihom ukoll klassijiet tal-katekizmu f’diversi livelli, laqghat ta’ diversi gruppi ta’ natura religjuza u ukoll xi seminars u laqghat varji. Dan kollu jirrizulta mill-provi prodotti, partikolarment mix-xhieda tad-diversi sorijiet membri tal-kongregazzjoni ta’ Santa Dorotea li l-Qorti kellha okkazzjoni tisma’ x-xhieda taghhom personalment.

“Konsiderazzjonijiet

“F’dan l-isfond, l-ewwel ezami li ghandha taghmel din il-Qorti huma li tistabbilixxi liema wiehed, miz-zewg testmenti ghandu jirregola l-legat. Dan ma kellu qatt ikun problema ta’ entita’ gravi. Fit-tieni testment (ara kopja tat-testment miktub bl-idejn a fol. 269 tal-process). Monsinjur Mifsud jibda biex jiddikjara illi “Anzi tutto revoco qualsiasi altro mio testamento contenente dispozizione contrarie a quelle col presente ordinate e con esse non conformi”. Li kieku qal hekk biss, kien ikun irid isir ezami komparattiv bejn iz-zewg testmenti. Imma ma baqax hekk. L-istess Monsinjur issottolinea l-kliem “contenente dispozizione contrarie a quelle col presente ordinate e con esse non conformi” u rrimpjazzahom permezz ta’ postilla li l-atturi donnhom ippreferew jinjoraw ghal kollox. Il-frazi kif korretta mill-istess Monsinjur ghalhekk giet taqra kif gej: “Anzi tutto revoco qualsiasi altro mio testamento de me fatto, evoglio ed ordino che solo il presente abbia il suo pieno effetto e vigore” (ara fol. 269 tal-process – kolonna fuq ix-xellug tad-dokument).

“Dan ifisser, ghaldaqstant, illi huwa biss dan it-tieni testment li ghandu jirregola l-legat, ghaliex kull dispozizzjoni testamentarja precedenti effettivament kienet giet imhassra mit-testatur. Huwa t-tieni testment li japplika u huwa dan li qed tqis il-Qorti.

“Fit-tieni testment tieghu, Monsinjur Mifsud iddispona kif gej:

> “*In legato lascio all’Istituto di S. Dorotea stabbilito alla Notabile, e per lui alla Superiora di esso Istituto, il corpo di beni comprendente la casa di mia abitazione (Casa Mifsud) e l’attigua occupata dall’Istituto tenuto da Monsignor Decano Giuseppe De Piro (Casa Fortunata) in una a tutti i mezzanini e comodita’ dipendenti ed attigui allo stesso corpo di beni.* ***E’ cio’ perche’ all’<u>occorrenza</u> trasferiscono quivi la loro scuola a beneficio di questa Citta’.*** *L’oggetto essendo di bene alla comunita’ maltese e per la educazione si spera che il Governo vorra’ esentare le Suore dalla relativa tassa di successione. Spera il testatore che vorrano le suore e l’Istituto suffragarlo colle loro orazioni”.*

“It-tezi tal-attur issostni li biex igawdu dan il-legat, is-sorijiet ghandhom l-obbligu li jutilizzaw il-fondi bhala skola. Il-Qorti tiddikjara mal-ewwel illi ma’ din l-interpretazzjoni tal-atturi hija ma taqbilx.

“It-tifsira tal-kelma “all’occorrenza” hija cara u inekwivoka. Tfisser “secondo la necessita’ del momento se sara’ il caso” (Zingarelli); jew bl-Ingliz “in case of need” (Collins). It-tifsira li tifhem il-Qorti hija wahda ta’ diskrezzjoni assoluta f’idejn is-Sorijiet. Il-Monsinjur ma npona ebda obbligu fuq is-sorijiet. Huwa principju stabbilit illi l-Qorti m’ghandhiex taghmel ricerki ghal xi interpretazzjoni meta dak espress huwa car u inekwivoku.

“Kif jghid Trabucchi – Istituzioni di Diritto Civile Ed. 2005 p. 450 u 451:

> “Gli elementi interpretativi possono essere ricercati anche *aliunde*, ma questo ricorso a elementi di prova estranei al testamento e’ ammesso ragionatamente soltanto per capire il contento di una volonta’ espressa sia pure poco chiaramente”;

> u “Le espressioni usate dal testatore vanno interpretate *naturaliter*, e non *civiliter*, cioe’ non nel significato tecnico-giuridico, ma *nel significato che presumibilmente le parole scelte avevano nella mente del de cuius* ...... Lo stesso vale per le formole usate, che vanno intese e rispettate secondo la presunta volonta’ del testatore, anche’ al di la’ delle regole giuridiche”.

> “Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal dak li ntqal aktar ‘il fuq rigward liema testment ghandu jirregola l-legat, u dan ghaliex, peress illi l-ewwel testment seta’ gie interpretat bhala inklussiv ta’ xi obbligu meta ddispona illi “e questo a scopo di stabbilirvi la loro scuola ad istituto di educazione”, id-distinzjoni mad-dicitura tat-tieni testment hija cara. Ma tipprezenta ebda okkazzjoni ghall-interpretazzjoni. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, Monsinjur Mifsud ma rabat lis-Sorijiet b’ebda mod, ma npona fuqhom ebda obbligazzjoni. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza “Micallef vs Tonna”, deciza fit-30 ta’ Ottubru, 1950), “fejn il-kliem ta’ dispozizzjoni testamentarja ma jaghtux lok ghall-ebda ambigwita’, mhux lecitu li tigi lilhom moghtija interpretazzjoni diversa.

> “Il-Qorti ma tistax ma tinnotax il-hafna referenzi li saru mill-atturi ghad-diskorsi u diskussjonijiet twal li saru fil-Parlament fl-okkazzjoni tal-ghoti tal-art f’Haz Zebbug mill-Gvern lis-Sorijiet ghall-bini tal-iskola gdida taghhom. Il-Qorti tqis li l-atturi messhom jafu ben tajjeb li ebda dikjarazzjoni ta’ ebda membru parlamentari ma setghet tkun utli fir-rikonoxximent tad-dritt li kienu qed jippretendu. Fil-kuntest tal-vertenza odjerna u s-soluzzjoni taghha ma kienu ta’ ebda utilita’ legali dikjarazzjonijiet li saru barra dawn il-Qrati.

> “Galadarba li l-Qorti b’hekk stabbiliet li l-legat ma kien marbut b’ebda kundizzjoni, il-Qorti m’hijiex se tistudja ulterjorment id-distinzjoni bejn il-konsegwenzi ta’ modus u kondizzjoni, materja trattata daqshekk tajjeb miz-zewg partijiet fin-noti ta’ sottomissjonijiet taghhom.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu illi din il-Qorti joghgobha:

> “… … … tirrevoka s-sentenza appellata moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili tat-3 ta’ Novembru, 2010, fil-kawza fl-ismijiet premessi fis-sens illli tiddikjara u tiddeciedi illi l-appellati ddekadew mil-legat imholli lilhom mill-mejjet Monsinjur Alfredo Mifsud ossia mill-proprjeta` 4 u 5, Casa Mifsud u Casa Fortunata, Triq Santu Rokku, Mdina, stante illi huma m’ghadhom juzaw il-fond ghal skopijiet ta’ edukazzjoni u a beneficcju tas-socjeta` Maltija, u konsegwentement jigi dikjarat u deciz illi l-proprjeta` 4 u 5, Casa Mifsud u Casa Fortuna, Triq Santu Rokku Mdina, hija proprjeta` tar-rikorrenti appellanti bhala l-eredi tal-Monsinjur Alfredo Mifsud u tordna illi l-appellati jizgumbraw

> mill-fondi fuq imsemmija fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom iffissat, waqt li l-eccezzjonijiet kollha tal-appellati jigu rispinti, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati."

Rat ir-risposta tal-konvenuta li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, tissottometti:

> "… … … li l-appell interpost mill-atturi appellanti ghandu jigi michud *in toto* u s-sentenza appellata ghandha tigi kkonfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi a karigu tal-atturi appellanti."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi f'din il-kawza l-atturi jallegaw li l-konvenuti Sorijiet ta' Santa Dorotea ddekadew mil-legat imholli lilhom mill-mejjet Monsinjur Alfredo Mifsud ta' proprjeta` gewwa l-Imdina, u dan peress illi, skont huma, l-imsemmija sorijiet mhux qed juzaw il-fond bhala skola ghal liema skop kien lilhom imholli. L-ewwel Qorti, wara li qieset il-provi prodotti, u wisq aktar il-kliem tat-testment in

kwistjoni, cahdet it-talbiet tal-atturi peress li ma kienx jirrizulta li t-testatur rabat lis-sorijiet li bilfors juzaw il-bini ghat-taghlim.

Kif inghad l-atturi appellaw mis-sentenza u jghidu li l-bini thalla biex jintuza bhala skola, u din kienet kundizzjoni jew modus marbuta mal-legat.

Din il-Qorti tara li l-appell tal-atturi huwa totalment bla bazi. Fl-ewwel testment tieghu, dak tat-30 ta' Gunju, 1920, it-testatur halla l-proprjeta` lis-sorijiet bi skop specifiku li f'dak il-post is-sorijiet iwaqqfu skola jew istitut ta' edukazzjoni. It-testatur, milli jidher, deherlu li ma kellux ikun daqshekk abbraziv fil-konfront tas-sorijiet, ghax b'testment sussegwenti li ghamel fl-10 ta' Dicembru, 1920, l-ewwel hassar "*qualsiasi altro mio testamento da me fatto*" u wara rega' halla, b'titolu ta' legat, il-proprjeta` tal-Imdina lis-sorijiet, izda minghajr skop specifiku. Zied biss li peress li kien il-hsieb li s-sorijiet juzaw il-bini ghall-edukazzjoni, kien qed jispera li l-Gvern jezenta lis-sorijiet mill-hlas ta' taxxa. Il-frazi kienet tghid hekk:

> "*E cio` perche` all' occorrenza trasferiscano quivi la loro scuola a beneficio di questa citta`. L'oggetto essendo di bene alla comunita` Maltese e per l'educazione, si spera che il governo vorra` esentare le suore dalla relattiva tassa di successione.*"

Din is-sentenza ma tistax tigi interpretata bhala kundizzjoni marbuta mal-legat jew bhala modus. Kieku t-testatur ried jimponi kundizzjoni, kien juza d-

dicatura li uza fl-ewwel testment, fejn qal b'mod car li kien qed ihalli l-proprjeta` "*e questo a scopo di stabbilirvi la loro scuola od istituto di educazione*". Il-fatt li t-testatur hassar din il-kundizzjoni u ma regax irrepetiha fit-testment il-gdid li ghamel, juri b'mod car li ma riedx jorbot lis-sorijiet b'tali jew simili kundizzjoni.

Il-frazi li zied it-testatur ma torbot xejn lil-legatarju. Hu qal li peress li s-sorijiet kienu qed ihossu li jkun opportun li jitrasferixxu l-iskola taghhom f'dak il-bini, kien qed jispera li l-gvern jezentahom mit-taxxa tas-successjoni. Il-kelma "*all' occorenza*", b'tifsira "occorrendo" jew "jekk ikun il-kaz", ma hijiex rabta, izda, f'dan il-kaz, hija riferenza ghax-xewqa li wrew is-sorijiet li, forsi, juzaw il-bini bhala skola jew istitut ghall-edukazzjoni.

Dik il-frazi zgur ma ghandhiex l-effett ta' kundizzjoni rizoluttiva, ghax ma timponi xejn obbligatorju fuq is-sorijiet. Din il-Qorti fil-kawza "**Xuereb et v. Buttigieg et**", deciza fit-2 ta' Lulju, 2010, osservat li biex jista' jinghad li hemm kundizzjoni, wiehed irid jezamina l-intenzjoni tal-partijiet u, aktar, il-kliem uzat. Hi qalet li l-awturi jsemmu diversi lokuzzjonijiet u kliem. Kompliet tispjega li "*l-aktar importanti huma l-particella fl-ilsien Taljan "se" ekwivalenti ghall-kelma "jekk" fl-ilsien Malti, "nel caso che" (fil-kaz li), "in mancanza di" (fin-nuqqas li)*". F'dan il-kaz, it-testatur ma rabat il-legat ma' ebda particella simili, imma qal

biss li hu xtaq li l-gvern jezenta s-sorijiet mit-taxxa peress illi milli jidher is-sorijiet kienu se jitrasferixxu l-iskola taghhom ghal dak il-bini.

Lanqas ma jista' jinghad li din il-frazi tista' titqies modus. Skont din il-Qorti, fil-kawza qabel imsemmija, sabiex dispozizzjoni tkun tista' tinghad li hija ta' karattru modali,

> "*skont id-dottrina hu rikjest li l-karigu jew "onus" impost lil xi parti ma jkunx jirrigwarda l-interess taghha proprju (tal-persuna gravata) izda dak tal-persuna li tkun imponiet il-karigu, jew li jkun jirrigwarda l-interess ta' terza persuna.*"

Dan mhux il-kaz f'din il-kawza.

Apparti dan, f'kaz ta' modus, din ikollha effikacja koattiva, pero`, in-nuqqas ta' twettieq tal-obbligazzjoni ma jwassalx ghar-rizoluzzjoni tal-legat jew donazzjoni. Il-persuna gratifikata takkwista mill-ewwel il-prorprjeta` mhollija lilha, u dan minghajr ma toqghod tistenna l-adempiment tal-modus, imma hija tkun tista' tigi imgieghla tezegwixxi l-modus, jekk tkun accettat il-liberalita` - "**Muscat v. Borg**", deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Mejju, 1958. Il-modus huwa biss "*un atto volativo accessorio, formando comunque un autonomo precetto negoziale*" (Trabucchi, kif anke kwotat mill-appellanti), u l-allegat nuqqas ta' twettieq ta' dan il-precett awtonomu, ma jwassalx ghar-rizoluzzjoni ta' dik il-liberalita` li taghha dak il-precett hu accessorju (ara

"**Falzon v. Aquilina noe**", deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru, 1992). Kif ikompli jghallem it-Trabucchi, "*il modus, di regola, obbliga l'erede o il legatario, ma l'inosservanza dell'obbligo non risolve il lascito*". Hu biss meta r-rizoluzzjoni hija kollegata "*alla volonta` espressa*" tat-testatur li dan ikun jista' jsehh f'kaz ta' inosservanza tal-modus, izda f'dan il-kaz, ma hijiex il-volonta` espressa tat-testatur li l-legat jinhall jew jigi revokat jekk il-legatarji ma jkomplux juzaw il-fond ghall-edukazzjoni. Isegwi li, f'kaz ta' modus, it-talbiet attrici zgur li ma jistghux jintlaghu.

Kif inghad, fil-fehma ta' din il-Qorti, hawn mhux kaz ta' xi obbligazzjoni accessorja ghal-legat, u ma hemm xejn x'jorbot lis-sorijiet ta' Santa Dorotea kif juzaw il-bini mholli lilhom b'legat. Kwindi, l-appell tal-atturi qed jigi michud.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi tiddisponi mill-appell tal-atturi billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mill-atturi appellanti in solidum, u ai termini tal-paragrafu 10 tat-Tariffa A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, peress li tqis l-appell bhala fieragh, tikkundanna lill-istess atturi in solidum ihallsu lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta' elf euro (€1000) bhala spejjez addizzjonali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------